

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/1333

tal-25 ta' Ġunju 2019

**dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1332 <sup>(1)</sup>, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja ("il-Ftehim ta' Sħubija") u l-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja ("il-Protokoll") ġew iffirmati fil-31 ta' Lulju 2019.
- (2) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja dwar sajd 'il barra mill-Gambja <sup>(2)</sup>, li kien daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1987.
- (3) Il-Protokoll ikopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni tiegħu.
- (4) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokatu fost l-Istati Membri għall-perjodu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.
- (5) Il-Protokoll se jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdeu malajr. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti taħt il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja għandhom ikunu allokatu fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

Spanja	16-il bastiment
Franza	12-il bastiment

(b) bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief:

Spanja	8 bastimenti
Franza	2 bastimenti

<sup>(1)</sup> Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1332 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠUL 146, 6.6.1987, p. 3.

(c) bastimenti tat-tkarkir għas-sajd għal ħut tal-qiegħ tal-baħar fond:

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti tat-tkarkir għas-sajd għal ħut tal-qiegħ tal-baħar fond li jkunu qed jaħdmu fi kwalunkwe mument	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd ta' kull tliet xhur fis-sena <sup>(1)</sup>	Tunnellati ta' speċijiet fil-mira kif definiti fl-Appendiċi 2b tal-Anness tal-Protokoll
Spanja	3	10	625
Il-Greċja		2 (f'żewġ perjodi ta' tliet xhur differenti)	125

<sup>(1)</sup> L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jikkoordinaw l-użu tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ta' kull tliet xhur.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu jibda japplika mill-31 ta' Lulju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju 2019

Għall-Kunsill

Il-President

A. ANTON